**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Mercieca)**
**(Spettur Lara Butters)**

**vs**

**Steve Saliba**

**Kumpilazzjoni numru 132/2016**

**Illum 23 ta' Novembru, 2016**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Steve Saliba** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 115592 (M) billi huwa akkuzat talli talli fid-9 ta' Marzu, 2016, ghall-habta tas-6.15p.m., f'korp ta' garraxxijiet fi Triq Luqa Briffa, Gzira:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, izda bil-hsieb li jikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Roger Sciberras ai termini ta' l-Artikolu 218(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wera dan il-hsieb b'atti esterni w ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt billi spara tir t'arma tan-nar fid-

direzzjoni tieghu, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu;

2. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, fil-waqt li kien qed jaghmel reat kontra l-persuna (minbarra omicidju involontarju jew offiza involontarja fuq il-persuna) jew ta' serq jew hsara fil-proprejta' (minbarra hsara involontarja fil-proprejta') kellu fuqu xi arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oggetti;

3. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, garr arma tan-nar, kemm jekk ikkargata kemm jekk mhix, li ma kienetx fl-ghata taghha, jew spara xi arma tan-nar, waqt li kien inqas minn 200 metru minn xi belt jew rahal, jew zona abitata ohra, jew f'medda ta' 50 metru minn toroq principali ai terminu ta' sezzjoni 18(2)(a) ta' l-A.L. 79/2006;

4. Talli, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamel ingurji u/jew theddid lill-Roger Sciberras;

5. Iktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament, kiser il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u glied;

6. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi qal fil-pubbliku kliem oxen jew indecent, li jikkonsisti f'dagha, jew ghamel atti jew gesti oxxeni jew b'xi mod iehor offenda l-morali, l-imgieba xierqa jew id-dicenza pubblika;

7. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkaguna biza' li ser tintuza vjolenza kontra Roger Sciberras, jew kontra il-proprejta' tieghu jew kontra il-persuna jew il-proprejeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxindenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna imsemmija fl-

Artiklu 222(1) tal-Kapitolu 9, meta kien jaf jew imissu kien jaf li, b'tali mgieba tieghu, ser jikkaguna lil haddiehor biza';

8. Aktar talli, fl-istess data u hin, u/jew fix xhur ta' qabel, fil-Gzira, zamm f'xi fond jew kellu fil-pussess tieghu, taht il-kontroll tieghu jew garr barra minn xi fond jew fid-dintorni tieghu, xi arma tan-nar, jew munizzjon, elenkati fl-Iskeda II tal-Kapitolu 480 (Att Dwar l-Armi) minghajr ma kellu licenza taht l-istess Att;

9. Aktar, talli f'dawn il-Gzejjer, fix-xhur li ghaddew, immanifattura arma tan-nar imsemmija fl-Iskeda 1 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, liema manifattura hija pprojbita ai termini tal-Artiklu 3(b) ta' l-istess Kapitolu 480

Oltre minn hekk, il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex, f'kaz ta' htija, tikkundanna lill-imputat ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitlu 9, tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet il-provi.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Rat in-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tal-Avukat Generali datata 22 ta' Lulju, 2016 (esebita a fol. 129 tal-process) fejn huwa dehrlu li tista' tinstab htija (jew htijiet) fil-konfronti tal-imputat taht dak li hemm mahsub:

- Fl-artikoli 41(1)(a), 214, 215, 217 u 218 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 55(a) tal-Att dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

- Fir-regolamenti 18(2)(a) u 27 tar-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi, Avviz Legali 79/2006;
- Fl-artikolu 339(1) (e) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 338(bb) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 251 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 5(1) u 51(2) tal-Att dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 3(b) u 51 tal-Att dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 383, 384, 385, 386, 387 u 412C tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat:**

Il-kaz imur lura ghad-disgha (9) ta' Marzju 2016 meta kien hemm argument fejn hemm numru ta' garaxxijiet fi Triq Luqa Briffa, l-Gzira. Waqt l-argument irrizulta li l-imputat permezz ta' kanna kien spara fuq Roger Sciberras izda ma laqtux. L-argument kien qam wara li l-istess Sciberras ikkonfronta lill-imputat li kien qieghed jitfghi l-mains tal-elettriku tal-garaxxijiet.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta tal-llum ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghet s-sottomissjonijiet finali mill-Prosekuzzjoni u d-difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m'ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Din il-Qorti dwar piena tirrileva u dan b'referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet Ir-**Repubblika ta' Malta v. Rene` sive Nazzareno Micallef** moghtija fit-28 ta' Novembru 2006:

> *"Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic- cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta'*

*gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena."*

Is-socjeta' ghandha tkun imharrsa mill-armi fl-idejn, aktar u aktar meta dawn l-armi ma jkunux registrati kif titlob il-ligi. F'dan il-kaz l-imputat ma kienx qieghed juza arma regolari izda wahda mibnija minnu li tista' tkun hafna aktar ta' perikolu kemm ghalih kif ukoll ghal haddiehor.

Il-Qorti ma tistax tippermetti li ghaliex ikun hemm argument bejn persuni li ghandhom il-garaxxijiet fl-inhawi ta' xulxin, ghax ikun hemm nuqqas ta' qbil flok is-sitwazzjoni tkun irrangata b'mod pacifiku, wiehed jiehu l-ligi b'idejh b'konsegwenzi serji hafna.

Li kieku f'dan il-kaz il-persuna ntlaqtet kien ikun hemm konsegwenzi aktar serji.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri u l-fatt li kien hemm qbil bejn il-Prosekuzzjoni u d-difiza li l-aktar piena idoneja fic-cirkostanzi tkun piena karcerarja ta' sitt (6) xhur prigunerija u multa.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 31, 41(1)(a), 214, 215, 217, 218, 251, 338(bb), 338(dd), 339(1) (e) u 533 tal-Kapitolu 9 u Artikoli 3(b), 5(1), 51, 51(2), 55(a) tal-Kapitolu 480 u r-regolamenti 18(2)(a) u 27 tal-Avviz Legali 79/2006 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ssib lill-imputat hati

tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah sitt (6) xhur prigunerija izda, billi l-Qorti hija tal-fehma li fic-cirkostanzi ta′ dan il-kaz hemm lok li tinghata sentenza sospiza a tenur ta′ l- Artikolu 28(A)(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta′ Malta, tissospendi t-terminu ta′ sitt xhur prigunerija ghal sentejn (2) b′effett mid-data ta′ din is-sentenza u timmultah mitejn ewro (€200) liema multa ghandha tithallas fi zmien sitt xhur millum.

A tenur ta′ l-Artikolu 28(A)(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta′ Malta l-Qorti spjegat lill-imputata bi kliem car ir-responsabbiltà taghha taht l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta′ Malta jekk tikkommetti matul il-perijodu operattiv ta′ din is-sentenza sospiza, reat li ghalih hemm piena ta′ prigunerija.

Inoltre, wara li rat l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali u tordna lill-hati jhallas is-somma ta' mitejn u hamsa u sebghin euro u tlieta u tmenin centesimu (€275.83) spejjez inkorsi f'din il-kawza.

---

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**